DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 130/2010

tal-10 ta' Diċembru 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni), l-Anness XIII (Trasport) u l-Anness XIV (Kompetizzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 57/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006 ([1]).

(2) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([2]).

(3) L-Anness XIV tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 91/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([3]).

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet (Verżjoni kodifikata) ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni (Verżjoni kodifikata) ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva 2008/63/KE tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 88/301/KEE ([6]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 169/2009 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 ([7]), li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1490/2007 ([8]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79 ([9]), li huwa inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006 ([10]) iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 ([11]) b'perjodu tranżitorju ta' sentejn għal ċerti dispożizzjonijiet. Il-perjodu ta' sentejn skada u ż-żewġ atti, li ġew inkorporati fil-Ftehim, konsegwentement issa għandhom jitħassru skont il-Ftehim. Ir-Regolament (KE) Nru 1419/2006 għandu jitħassar skont l-Annessi XIII u XIV, iżda r-referenza għall-att fil-protokoll 21 tal-Ftehim se tibqa' peress li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([12]).

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/1999 tat-30 ta' April 1999 ([13]) tħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1629/69 ([14]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1630/69 ([15]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4260/88 ([16]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4261/88 ([17]) skont il-Protokoll 21 tal-Ftehim. L-istess atti għandhom jitħassru wkoll skont l-Anness XIII tal-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1459/2006 skada u konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim, ([18])

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 4zzo (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/631/KE) tal-Kapitolu XVIII tal-Anness II tal-Ftehim:

"4zzp. **32008 L 0063**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 20) ([1]).

([1]) Elenkati hawnhekk għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Għall-applikazzjoni, ara l-Anness XIV dwar il-Kompetizzjoni."

Artikolu 2

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 7 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

([1]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 3.
([2]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 81.
([3]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 44.
([4]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 20.
([5]) ĠU L 61, 5.3.2009, p. 1.
([6]) ĠU L 131, 27.5.1988, p. 73.
([7]) ĠU L 175, 23.7.1968, p. 1.
([8]) ĠU L 332, 18.12.2007, p. 1.
([9]) ĠU L 121, 17.5.1979, p. 1.
([10]) ĠU L 269, 28.9.2006, p. 1.
([11]) ĠU L 378, 31.12.1986, p. 4.
([12]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.
([13]) ĠU L 284, 9.11.2000, p. 38.
([14]) ĠU L 209, 21.8.1969, p. 1.
([15]) ĠU L 209, 21.8.1969, p. 11.
([16]) ĠU L 376, 31.12.1988, p. 1.
([17]) ĠU L 376, 31.12.1988, p. 10.
([18]) ĠU L 272, 3.10.2006, p. 3.

"**32009 R 0169**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi tal-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 61, 5.3.2009, p. 1) ([1]).

([1]) Elenkati hawnhekk għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Għall-applikazzjoni, ara l-Anness XIV dwar il-Kompetizzjoni."

2. It-test tal-punti 8 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1629/69), 9 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1630/69), 50 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86), 50a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 1419/2006), 51 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4260/88), 52 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79) u 61 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4261/88) għandu jitħassar.

Artikolu 3

L-Anness XIV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 10 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32009 R 0169**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi tal-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 61, 5.3.2009, p. 1)."

2. It-test tal-punti 11 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86), 11d (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1419/2006) u 11e (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1459/2006) għandu jitħassar.

3. L-intestatura "**H. IMPRIŻI PUBBLIĊI**" għandha tinbidel b'"**H. TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI**".

4. It-test tal-punt 12 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 88/301/KEE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**32008 L 0063**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 20)."

Artikolu 4

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 169/2009 u d-Direttiva 2008/63/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.